Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

# Servizzi finanzjarji: sfidi u prospetti – Rapport ġenerali

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Il-kriżi finanzjarja reċenti xeħtet dawl fuq l-isfidi serji li qiegħed jiffaċċja s-settur Ewropew tas-servizzi finanzjarji. X'inhuma l-prospetti li mill-kriżi toħroġ industrija finanzjarja vijabbli u aktar reżiljenti? Dan ir-rapport janalizza x-xejriet ekonomiċi fl-industrija bankarja u dik tal-assigurazzjoni u d-dibattitu dwar ir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji. Huwa jħares fid-dettall lejn il-mudelli tan-negozju li huma applikati fis-segmenti differenti tas-settur finanzjarju bħala rispons għall-kriżi. Fl-aħħar nett, huwa jiżviluppa xenarji għall-proċess ta' adattament potenzjali tas-settur Ewropew tas-servizzi finanzjarji. Ir-riċerka saret permezz ta' studji ta' każijiet ta' firxa ta' kumpaniji fis-settur, stħarriġ online u intervisti ma' esperti minn kumpaniji, imsieħba soċjali, istituzzjonijiet tar-riċerka u awtoritajiet pubbliċi, flimkien ma' analiżi dettaljata tar-rapporti u d-dejta finanzjarji tal-kumpaniji.

### Il-kuntest tal-politika

Mhuwiex probabbli li s-sensiela ta' skossi li rriżultaw mill-vulnerabbiltà tal-banek waslet fi tmiemha. Ir-riskji dejjem akbar ta' insolvenza fis-swieq tal-proprjetà ta' beni immobbli, fis-swieq tal-prodotti u fost il-banek fl-Ewropa u fl-Istati Uniti ser ikollhom effett negattiv fuq l-assi bankarji u fuq it-tkabbir ekonomiku. Bħala riżultat, ix-xenarji tal-ħruġ żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea kollha jippuntaw lejn fażi ta' tranżizzjoni bi tkabbir baxx jew saħansitra negattiv. Mil-lat pożittiv, ir-riformi regolatorji bdew u l-inċertezza dwar l-ambitu u d-direzzjoni tagħhom tnaqqset bl-approvazzjoni reċenti tas-Senat tal-Istati Uniti tal-'*Wall Street Reform Bill*', u d-deċiżjoni meħuda dwar ir-regolamentazzjoni tal-hedge funds, u dwar kwistjonijiet oħrajn, fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, id-dibattitu globali dwar qafas regolatorju dinji, kif previst mill-gvernijiet tal-G20, ikompli.

### Sejbiet ewlenin

Bħala reazzjoni għall-kriżi, il-kumpaniji finanzjarji adattaw il-mudelli kummerċjali tagħhom, billi kkonċentraw fuq il-punti pożittivi tan-negozju ewlieni tagħhom. Proċess ta' tnaqqis sinifikanti f'dak li ssellfu (deleveraging) (ħlas finali ta' dejn) jista' jiġi osservat b'mod partikolari fl-attivitajiet bankarji privati. Għadd ta' banek privati ppruvaw jespandu l-attivitajiet bl-imnut u kummerċjali tagħhom, iżda rritornaw għal attivitajiet bankarji ta' investiment meta s-swieq kapitali fetħu opportunitajiet promettenti. Il-banek tal-Istat, li huma parti mill-programmi ta' salvataġġ pubbliku, ġew ristrutturati bil-bejgħ ta' attivitajiet periferali u riskjużi. L-għodod għall-valutazzjoni tar-riskji tjiebu u l-proporzjonijiet ta' ekwità żdiedu. Il-karti tal-bilanċ ġew mtejba permezz ta' tnaqqis fil-valur tal-assi ('writedowns') sostanzjali u partijiet kbar tan-negozju reġgħu lura għall-profitabbiltà.

Madankollu, dan ir-ritorn għall-profitabbiltà sar għas-spejjeż ta' tnaqqis konsiderevoli fl-impjiegi. Fl-2009, tnaqqsu madwar 10% tal-impjiegi fil-banek tal-Istat li ġew eżaminati (madwar 5% fil-banek privati mistħarrġa). Fil-banek kooperattivi eżaminati, l-impjiegi tnaqqsu b'1%. Kien biss f'kumpanija tal-assigurazzjoni waħda u l-hekk imsejjaħ bank 'etiku' li n-numru ta' impjiegi fil-fatt żdied. Għalkemm l-istudji tal-każijiet ma jagħtux stampa kompleta tal-iżviluppi tal-impjiegi fis-settur, huma juru fil-fatt kif ir-ristrutturar fis-settur ħalla impatt fuq in-numru ta' impjiegi.

Il-maġġoranza tal-kumpaniji rrevedew is-sistemi ta' rimunerazzjoni tagħhom għall-maniġers u l-brokers tal-investiment, billi għaqqdu d-dħul mal-prestazzjoni tan-negozju fuq numru ta' snin. B'mod ġenerali, tnaqqas id-daqs tal-bonusijiet – fir-rigward tas-salarji fissi – u l-ħlasijiet ġew differiti bejn tlieta u erba' snin. Proporzjon sostanzjali tal-bonusijiet issa qiegħed jingħata fil-forma ta' ishma tal-kumpanija. L-effett

ta' dawn il-bidliet fuq l-imġiba tal-investiment u l-inklinazzjoni għar-riskju għadu jrid jiġi osservat.

Minkejja li jikkondividu bejniethom xi tendenzi ġenerali, il-mudelli kummerċjali tal-kumpaniji finanzjarji juru differenzi sinjifikanti. Dawn jistgħu jiġu kklassifikati skont tliet approċċi differenti. Grupp wieħed ta' banek 'liberali', fondi ta' investiment u intermedjarji oħrajn iġib miegħu profitti kbar mill-kotba tal-kummerċ u l-kummerċ proprjetarju. Filwaqt li jadattaw l-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom għall-kundizzjonijiet ġodda tas-suq, xorta waħda jipprovaw ikomplu l-istrateġija tagħhom orjentata lejn il-profitti, fejn jippressaw għal bidliet żgħar biss fil-qafas regolatorju.

It-tieni grupp ta' 'banek tal-Istat', li ġew taħt il-kontroll tal-istat matul il-kriżi, illum qegħdin jiffaċċjaw ristrutturar sever. Huma jridu jadattaw għat-telf sostanzjali fil-kotba tal-kummerċ, kif ukoll għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-istrateġiji kummerċjali lejn in-negozju bl-imnut u dak kummerċjali prinċipali. Is-sorveljanza pubblika taffettwa ħafna l-proċess ta' ristrutturar iżda tipprovdi wkoll vantaġġi importanti fil-forma ta' garanziji statali.

It-tielet grupp huwa deskritt bħala 'sostenibbli', peress li dawn l-istituzzjonijiet isegwu strateġiji kummerċjali fit-tul b'inqas flessibbiltà (leverage – jistrieħu inqas fuq self) u miri ta' profitt inqas ambizzjużi. Dan il-grupp ma kienx involut ħafna fi swieq finanzjarji ġodda u b'hekk esperjenza biss telf żgħir minn tnaqqi fil-valur tal-assi. Partijiet mill-banek tat-tfaddil u l-banek kooperattivi jagħmlu parti minn dan il-grupp, kif ukoll il-banek 'etiċi' emerġenti ġodda u ħafna mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni.

## Xenarji għall-ġejjieni

Abbażi tas-sejbiet imsemmija hawn fuq, ġew żviluppati tliet xenarji ta' adattament potenzjali għas-settur finanzjarju Ewropew.

### Il-passat huwa l-ġejjieni

Dan ix-xenarju jassumi li l-parteċipanti l-kbar huma b'saħħithom biżżejjed biex jiżguraw li ma ssir ebda riforma maġġuri tas-sistema finanzjarja. Il-kriżi ġeneralment tiġi interpretata bħala l-akkumulazzjoni ta' ċirkostanzi mhux favorevoli aktar milli inadempjenza sistematika. Din tippermetti lill-banek 'liberali' jkomplu bl-istrateġiji tagħhom orjentati lejn il-profitt, filwaqt li s-segment 'sostenibbli' jirnexxilu jżomm il-pożizzjoni tiegħu, għalkemm mingħajr ma jespandi b'mod sostanzjali. Iffaċċjati mis-saħħa dejjem tiżdied tal-banek 'liberali', il-banek tal-Istat sejrin ikunu taħt stress u l-gvernijiet ser jipprovaw inaqqsu l-involviment tagħhom f'dawn l-istituzzjonijiet. Ix-xenarju jassumi li kriżi finanzjarja oħra tista' tiġi evitata permezz ta' aġġustamenti regolatorji żgħar biss u li l-attivitajiet bankarji bl-imnut u dawk kummerċjali sejrin jipprovdu stabbiltà suffiċjenti.

### Ordni dinjija ġdida għas-swieq finanzjarji

Dan ix-xenarju jara l-gvernijiet tal-G20 jaqblu dwar riforma fundamentali tas-sistema finanzjarja dinjija f'Diċembru 2010. Ir-riforma tinkludi proporzjonijiet ta' ekwità ogħla u bbażati fuq ir-riskju, is-separazzjoni ta' servizzi bankarji ta' investiment mis-servizzi bankarji bl-imnut u dawk kummerċjali, is-sottomissjoni ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni ('living wills') – għall-anqas mill-atturi l-kbar – u monitoraġġ effiċjenti. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli ser tnaqqas il-vantaġġi kompetittivi tal-banek liberali u tpoġġi lill-kumpaniji sostenibbli u statali f'pożizzjoni ferm aħjar. Il-proporzjonijiet ta' ekwità ogħla sejrin ikunu ċ-ċavetta għal dan it-tip ta' adattament, li jirrikjedi perjodu ta' tranżizzjoni twil u diffiċli.

### Ekonomiji maqsuma

Dan ix-xenarju jassumi li l-kriżi finanzjarja ma tistax tinżamm taħt kontroll. Ir-rati dejjem akbar ta' insolvenza u l-baġits pubbliċi mgħobbija żżejjed sejrin jisfurzaw lil xi gvernijiet fiż-żona tal-euro biex inaqqsu r-responsabbiltajiet b'bejn 20% u 30% u biex jirrisolvu – jagħlqu jew jinnazzjonalizzaw – serje ta' banek. Il-programmi ta' awsterità fil-pajjiżi Ewropej sejrin ikunu piż addizzjonali fuq l-ekonomiji reali u l-inflazzjoni dejjem tikber fl-Istati Uniti u r-Renju Unit ser toħloq żbilanċi ulterjuri. Ix-xenarju jipprevedi li r-regolamentazzjoni internazzjonali tas-swieq finanzjarji tfalli, għalhekk grupp ta' maniġers u professjonisti orjentati ħafna lejn il-profitt u t-tkabbir sejrin ikomplu jinvolvu ruħhom fl-ispekulazzjoni u l-arbitraġġ għal żmien qasir, appoġġati minn xi pajjiżi li joffru swieq finanzjarji liberali. Dan l-approċċ sejjer ikollu l-oppożizzjoni minn xi sezzjonijiet tas-soċjetà, li sejrin jibdew jiżviluppaw ekonomiji lokali bbażati fuq in-netwerk. Kritika fundamentali tal-ekonomiji globalizzati ser twassal għal approċċi ġodda bbażati fuq 'mikro-organiżmi' aktar milli makro-istituzzjonijiet.

Ix-xenarji kollha jaraw tnaqqis ulterjuri ta' impjiegi fis-settur finanzjarju. Dan sejjer ikun sever l-aktar fit-tielet xenarju. Madankollu, il-pressjoni biex jiġu ffrankati l-ispejjeż sejra tkun qawwija fix-xenarji kollha, filwaqt li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sejrin jipprovdu ambitu għal żidiet fil-produttività. Fit-tliet xenarji, id-djalogu soċjali jiġi żviluppat l-aħjar skont is-suppożizzjonijiet tat-tieni wieħed ('ordni dinjija ġdida').

**Aktar informazzjoni**

Ir-rapport *Servizzi finanzjarji: sfidi u prospetti* – huwa disponibbli fuq http://www.eurofound.europa.eu/emcc/content/source/eu10001a.htm

Radoslaw Owczarzak, Maniġer tar-Riċerka
row@eurofound.europa.eu